Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Numru 857/2006

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Clint Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Clint Farrugia detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 121287M, akkuzat talli:

Fil-15 ta’ Awissu 2004 u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ mutur ta’ l-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAO094, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih;

Fil-15 ta' Awissu 2004, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (FAL 151) fuq mutur ta' l-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAO094;

Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' number plates foloz (FAL 151), fuq mutur ta' l-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAO094;

Fil-15 ta' Awissu 2004, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer saq mutur ta' l-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAO094 meta ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u/jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha u ezaminat ix-xhieda li nstemghet.

Ikkonsidrat:

Fis-seduta tal-lum l-imputat permezz tad-difensur tieghu ammetta l-ewwel, t-tieni u l-ahhar akkuza filwaqt li l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tielet akkuza kienet alternattiva ghat-tieni u li ma kellhux provi dwar l-ewwel akkuza.

Illi l-Qorti kkonstatat li mill-provi akkwizi l-imputat kien minorenni fid-data meta wettaq ir-reati u wkoll ikkonfermat illi l-imputat ried jammetti t-tieni u l-ahhar akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista fuqa anka wara l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

In vista ta' dan verbalizzat u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha issib lill-istess imputat

hati tal-ewwel, it-tieni u l-ahhar akkuza u tilliberah rigward it-tielet akkuza.

Ghal dik li hi piena rat l-Artikolu 167, 172, 183, 189, 17, 31, 37 tal-Kap 9 u l-Artikolu 4 tal-Kap 104. Tiddeciedi fil-konfront tat-tieni akkuza li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum u fil-konfront tar-raba' akkuza li tikkundannah multa ta' Lm250 u tordna s-sospensjoni tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal tmien t'ijiem mill-lum.

Rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9 u tawtorizza li l-imputat ihallas l-multa permezz ta' pagamenti konsekuttivi u ininterotti ta' Lm20 fix-xahar, l-ewwel pagament li jsir sa l-ahhar ta' Mejju 2007; bid-dekadenza fin-nuqqas u konvertibbli f'xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------